MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 1081/2006/1

**Anthony Galea**

**vs**

**L-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta u Manuel Gatt, u b'digriet tas-17 ta' April, 2007, it-Tribunal ordna l-korrezzjoni fis-sens li jizdiedu l-kliem 'bhala rapprezentant'**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Frar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li s-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' wiehed u erbghin Ewro u tlieta u disghin centezmi €41.93

(ekwivalenti ghal Lm18), rapprezentanti fi flus ta' vjagg li tilef l-attur.

Peress illi nhar il-Gimgha 3 ta' Novembru, 2006 ghall-habta tal-11.00 a.m., l-attur kien qieghed jahdem fil-lokalita' tal-'*Valletta Waterfront'*;

Peress illi l-attur jahdem bit-'*taxi*' u fid-data msemmija kien qieghed l-ewwel taxi fil-venda u gie moghti l-'*coupon*' mill-konvenut Manwel Gatt, liema 'coupon' kellu n-numru GHV 043424 (kopja tieghu annessa) li kellu valur ta' €41.93 u b'hekk dak il-vjagg gie mikri;

Peress illi meta kien imiss lill-attur sabiex jibda` dan it-'*tou'r*, in-nies li kellu jiehu ma riedux imorru bit-taxi tieghu u dan ghaliex it-'*taxi'* ta' wara l-attur kien mudell aktar gdid mit-*taxi* tieghu;

Peress illi l-ufficcjal ta` l-Awtorita' tat-Trasport, certu Manwel Gatt abbuzivament qabad u ta dan it-'*tour'* lit-*taxi* ta' wara l-attur u njora l-ilmenti ta` l-istess attur, minhabba li dan kien kontra r-regolamenti li jippreskrivu li t-'*taxis'* jittiehdu skond min ikun fl-ewwel venda;

Peress illi t-'*taxi'* ta` l-attur huwa in konformita' mar-regolamenti kollha necessarji (qieghed jigi anness kopja tal-VRT bhala 'Dok. B') u m'hemm l-ebda raguni ghaliex Manuel Gatt seta` jaghti dan it-'*tour'* lit-'*taxi'* ta' wara l-attur;

Peress illi l-artiklu 238 tal-legislazzjoni sussidjarja 65.11 – Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur jghid:

'*Hadd ma jista' jikri taxicar minn xi venda, anqas ma jista' x-xufier ta' taxicar fuq xi venda jaccetta kirja, jekk f'kull kaz, dik il-vettura ma tkunx l-ewwel taxicar fil-venda:*

Premess illi minhabba l-agir ta` l-imsemmi Manwel Gatt – ufficcjal ta` l-Awtorita' tat-Trasport

specifikament imqabbad mill-Awtorita’ jaghmel dan ix-xoghol, l-attur tilef l-ammont ta’ €41.93;

Peress illi l-Awtorita’ giet interpellata diversi drabi biex thallas izda baqghet inadempjenti;

Jghid il-konvenut ghaliex dan it-Tribunal m’ghandux jiddikjara li l-ufficcjal ta` l-Awtorita’ tat-Trasport, Manwel Gatt u l-Awtorita’ tat-Trasport jew min minnhom kiser id-disposizzjonijiet tal-Ligi, liema ksur irrizulta t-telf ta’ flus ghall-attur u jikkundanna l-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma ta’ €41.93, konsistenti fi flus ta’ vjagg li tilef l-attur.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra bonarja kontra l-Awtorita’ konvenuta li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti l-Awtorita’ Dwar it-Trasport u Manwel Gatt fejn gie ssollevat illi preliminarjament huwa mpjegat ta` l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta u ghaldaqstant kull azzjoni jew ordni moghtija lilu matul il-qadi ta’ dmirijietu ghandha tigi indirizzata u assorbita mill-Awtorita’ tat-Trasport ta’ Malta.

Illi l-pretensjonijiet migjuba mill-attur huma nfondati sia` fil-fatt u sia` fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta ma kisret l-ebda disposizzjoni tal-Ligi u ghaldaqstant bl-ebda mod ma kkagunat jew tista’ tinstab responsabbli ghal dan it-telf ta’ finanzi fl-ammont ta’ €41.93.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Sema` u ra x-xhieda kif ukoll bl-affidavit ta' Anthony Galea, PC29 Tancred Debono, Charles Debono, Joseph Busuttil u Manwel Gatt.

Ra x-xhieda dokumentali kollha fl-atti tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' vjagg, fl-ammont ta' €41.93 li l-attur qal li gie abuzivament imcahhad minnu fil-venda tat-'*taxi*' fil-'Valletta Waterfront Sea Passenger Terminal' u dan wara li huwa kien l-ewwel *'taxi'* fil-venda u kien diga' moghti lilu '*coupon*' u dan bi ksur tar-regolamenti tal-Ligi. Il-konvenuti cahdu illi huma kisru xi regolamenti.

Mix-xhieda ta` l-attur jidher illi huwa kien l-ewwel fil-venda tat-'*taxis'* fil-Valletta Waterfront jistenna xi passiggieri nizlin mill-'*cruise liners'*. Illi dan il-kaz svolga meta huwa kien inghata '*coupon*' ghal '*tour'* bil-valur ta' €41.83 u xi passiggieri dahlu fit-'*taxi'* tieghu. Kien hemm passiggier iehor mill-istess grupp li ma riedx jitla' mieghu izda ried jitla' mat-*'taxi'* ta' warajh ghaliex kienet aktar moderna. Dan it-turist kien gieghel lill-shabu johorgu mit-'*taxi'* tieghu. Kien avvicinah il-konvenut Gatt bhala impjegat ta` l-Awtorita' konvenuta u li kien talbu jirritorna il-*'coupon'* tal-vjagg li jiswa' €41.93. Huwa ried jaghtih vjagg iehor bil-valur ta' €9.40 li huwa ma riedx jaccetta u gie mmultat talli rrifjuta vjagg. Kien is-Sur Gatt li ta ordni lit-taxi ta' warajh li jiehu dawn it-turisti minfloku. Ix-xhud qal ukoll illi l-prassi ta` l-ADT huwa li l-*'coupon'* jinghata lit-turist imbaghad it-turist jiddeciedi liema *'taxi'* jiehdu. Huwa zied jghid li turist ghandu dritt li jaghzel x'tip ta' *'taxi'* jkun irid bhal per ezempju jekk '*taxi'* jkollhiex l-arja kundizzjonata li fil-kaz ta` l-attur it-*'taxi'* kienet mghamra bl-'*extras'* kollha kif ukoll bl-arja kundizzjonata.

It-Tribunal sema` l-konvenut Gatt jispjega kif bhala Manager inkarigat fit-taqsima ‘*enforcement* u *operations*’ ma` l-awtorita’ konvenuta parti minn xogholu kien li jara li r-regolamenti jigu osservati anke b’’*on site inspections’.* Illi fil-gurnata ta` l-incident huwa kien nizel fil-venda tat-‘taxis’ u ra illi kien hemm xi problema bejn l-attur u ufficjali ta` l-Awtorita’ konvenuta. Huwa sar jaf illi xi turisti li kienu ha jiehdu xi *‘tour’* ma riedux jmorru mat-‘*taxi*’ ta` l-attur u hu kien ta ordni lit-*‘taxi’* ta’ warajh li jrikkeb lil dawn il-passiggieri u dan wara li t-turisti kienu qalulu illi jekk huma ma kienux ser imorru ma` *‘taxi’* ohra riedu l-flus lura. Fil-frattemp, l-attur baqa’ jillitiga max-xhud u nsista ghal-flus tal-vjagg li kien ghadu kif tilef. Ix-xhud spjega kif jezistu regoli fil-venda li *‘taxi’* jimxi wara l-iehor pero’ jekk ikun hemm turist li jkun irid *‘taxi’* minflok l-ohra, hemm ftehim bejn l-awtorita’ u l-assocjazzjoni tat-‘*taxis*’ li ha jakkommodaw lit-turist. Ix-xhud spjega illi l-attur kien avvicina lill-assocjazzjoni tat-‘*taxis*’ izda ma kienux tawh ir-ragun. Ix-xhieda ta’ Charles Debono u Joseph Busuttil, it-tnejn ‘*enforcement officers*’ ta` l-awtorita’ konvenuta taw l-istess verzjoni u spjegaw l-istess procedura.

Illi dan il-kaz huwa wiehed fejn ir-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur li tipprovdi taht l-artiklu 238 tar-Regolamenti 65.11 dwar ir-regolamenti dwar il-vetturi li ‘hadd ma jista’ jikri taxi car minn xi venda, anqas ma jista’ x-xufier ta’ taxi car fuq xi venda jaccetta kirja, jekk, f’kull kaz dik il-vettura ma tkunx l-ewwel taxi car fil-venda:’

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kaz quddiem dan it-Tribunal gie ntavolat mill-attur kontra ufficcjal ta` l-Awtorita’ konvenuta kif ukoll l-Awtorita’ Dwar it-Transport nnifisha. Iz-zewg konvenuti zgur m’humiex il-persuni li ppruvaw jikru it-taxi mill-venda izda semmaj kienu t-turisti l-persuni involuti.

> *'In oltre'* it-Tribunal huwa tal-fehma illi jekk tezisti procedura din ghandha tigi segwita. Izda dan ma jfissirx illi jekk ikun hemm klijent li f'dan il-kaz kien turist li kien ghadu jasal Malta, li ma jridx jmur ma` '*taxi'* partikolari, dan ghandu ta' bil-fors jidhol fit-taxi li tkun ta` l-ewwel. L-ispirtu tal-ligi huwa li l-ebda taxi fil-venda ma jigi maqbuz. Ghalhekk kif gara f'dan il-kaz l-ufficjali ta` l-ADT konxji mill-fatt illi l-attur kien l-ewwel fil-venda tawh vjagg iehor izda huwa rrifjuta peress illi l-valur tal-vjagg iehor kien ferm inqas. Bl-agir tar-rapprezentanti ta` l-Awtorita' Dwar it-Trasport, l-attur ma giex maqbuz u minflok gie sostitut.
>
> Ir-regolament pre-indikat ifisser illi ebda persuna ma tista' taghzel *'taxi'* u titlaq ghal vjagg b'dak it-taxi '*ammenoche'* ma tkunx l-ewwel fil-venda. Dan ifisser illi jekk turist jew persuna m'huwiex sodisfatt bl-ewwel '*taxi*' huwa ghandu jistenna sakemm dik it-'*taxi'* li jixtieq tkun ta' l-ewwel fil-venda. L-attur baqa' dejjem l-ewwel fil-venda u seta' jekk ried jiehu vjagg iehor izda ghazel li ma jaghmilx dan il-vjagg ghax kien f'ammont inqas.
>
> Ghaldaqstant it-Tribunal huwa konvint illi la l-konvenut Manwel Gatt in rapprezentanza ta` l-Awtorita` Dwar it-Trasport, kif ukoll l-Awtorita` ta flus lill-attur.
>
> Ghal dawn ir-ragunijiet, It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.
>
> Spejjez a karigu ta` l-attur.**"**

L-attur appella minn din is-sentenza biex jikkontrasta l-interpretazzjoni akkordata mit-Tribunal lill-Artikolu 238 tar-Regolamenti 65.11 dwar il-vetturi tal-Mutur li jipprovdi li "hadd ma jista' jikri taxi car minn xi venda, anqas ma jista' x-xufier ta' taxi car fuq xi venda jaccetta kirja jekk f'kull kaz dik il-vettura ma tkunx l-ewwel taxi car fil-venda";

Brevement, il-fatti kienu dawn. L-attur, *qua* operatur ta' taxi, mar fil-jum partikulari l-Waterfront u kien l-ewwel wiehed fil-venda. Huwa nghata *voucher* fl-ammont ta' Lm18 mill-ufficcjal inkarigat ta' l-ADT, riekeb turist fiha pero` imbaghad dan nizel minnha ghax shabu riedu jmorru b'taxi ohra li giet wara dik ta' l-attur. L-attur ipprotesta ghal dan izda gie mitlub mill-Manager Enforcement Manuel Gatt ta' l-ADT biex jirrestitwixxi lura l-*voucher* li giet skambjata ma' ohra ta' Lm4. Hu, dan il-vjagg l-iehor irrifjuta li jaghmlu. Jinghad mix-xhieda, ufficcjali ta' l-ADT, illi tezisti regola illi jekk turist ikun irid taxi flok ohra din l-ghazla kienet konsentita lilu. Skond Manuel Gatt, dan skond ftehim bejn l-Awtorita` u l-Assocjazzjoni tat-taxis. Ix-xhud Charles Debono jghid illi l-procedura ta' kif it-taxis jimxu wiehed wara l-iehor qeghda biss biex tikkontrolla l-ordni fix-xufiera u ma ticcentrax fi kwestjonijiet ta' kif jitqassam ix-xoghol. Dejjem skond dan ix-xhud, korroborat ukoll mis-Senior Enforcement Officer Joseph Busuttil, din il-procedura ta' kif jintaghzlu l-vetturi mit-turisti, ma tirrizultax bil-miktub;

It-Tribunal irraguna illi l-artikolu tal-ligi surreferit jirreferi ghall-persuna li tikri t-taxi u l-ispirtu tal-ligi hu li l-ebda taxi ma tigi maqbuza. L-istess Tribunal accetta l-ispjegazzjoni provduta mix-xhieda ta' l-ADT dwar l-ezistenza tar-regola predetta u zied itenni illi la l-attur inghata vjagg iehor huwa b'hekk ma giex maqbuz izda sempliciment sostitwit;

Indubitament, l-elementi guridikament rilevanti li johorgu mill-fattispeci, l-interpretazzjoni tal-provvedimenti tal-ligi u l-applikazzjoni ta' din l-interpretazzjoni ghall-fattispeci huma processi li ghandhom influwenza wahda fuq l-ohra. Minn naha l-wahda, l-individwazzjoni tal-fatti sostanzjali hi kondizzjonata mid-disposizzjoni tal-ligi li trid tigi applikata. Mill-banda l-ohra, l-interpretazzjoni tad-disposizzjoni ghandha rabta mac-cirkostanza li trid tigi applikata ghall-fattispeci konkreti skond il-konnotazzjonijiet specifici taghhom. Wisq logikament, l-interpretazzjoni tal-ligi ghandha tkun konsona ghar-raguni biex mill-analisi

taghha tigi individwata t-tifsira proprju taghha b'applikabilita` ghall-fatti;

Fil-fehma tal-Qorti l-interpretazzjoni moghtija mit-Tribunal f'dan il-kaz tmur sew kontra l-kelma kif ukoll kontra l-ispirtu tal-ligi. Jibda biex jigi osservat illi l-ligi hi cara bizzejjed fis-sens illi kienet timponi bi dmir sew fuq il-passiggier kif ukoll fuq ix-xufier tat-taxi illi ma jikkonkludu ebda ftehim ta' kiri tal-vettura jekk din ma tkunx ukoll "l-ewwel taxi car fil-venda". Minn din l-ottika s-sens letterali tal-provvediment jipprovdi b'mod mill-aktar palesi u immedjat rizultat preciz u univoku bla htiega li wiehed ikollu ghalfejn jaddentra ruhu fil-volonta tal-legislatur. Ikollu jinghad, imbaghad, illi l-istess interpretazzjoni tat-Tribunal hi wkoll kontra l-ispirtu tal-ligi ghaliex l-intenzjoni ovvja tal-legislatur hi dik li min kien l-ewwel fuq il-venda ma jinqalax 'il barra izda jkun lilu salvagwardat id-dritt tieghu li jibbenefika ghal dak l-istess fatt li kien minn ta' l-ewwel fuq il-venda. Fis-sewwa, tkun haga bil-wisq ingusta kieku t-taxi car li kienet l-ewwel tigi eskluza ghaliex passiggier ifettillu, ghal kapricc, ma jkunx irid jirkeb fiha sempliciment ghaliex jippreferi li jirkeb f'taxi aktar moderna minn dik li kienet l-ewwel wahda fil-venda;

Dmir l-addetti ta' l-ADT ma kellux ikun dak li akkost ta' kollox jakkomodaw lill-passiggier jew li jhallu x-xelta fl-arbitriju ta' dan bl-iskuza ta' l-ezistenza ta' regola li ma tirrizulta minn imkien u li, anzi, hi djametrikalment kuntrarja ghall-istess kliem u l-ispirtu tal-provvediment tal-ligi. La ebda dibattitu parlamentari u lanqas l-opinjoni individwali dwar is-sussistenza ta' xi regola bhal din espressa mix-xhieda ta' l-Awtorita` konvenuta ma jistghu jbiddlu l-volonta` superjuri tal-legislatur, kif espressa bil-kliem u bil-kostruzzjoni tal-ligi stess, hekk mahsuba ghall-evitar ta' kontrattazzjoni ta' kirja ta' taxi li ma tkunx l-ewwel wahda fuq il-venda. Tabilhaqq, hu difficli li wiehed jimmagina intenzjoni tal-legislatur xort'ohra minn dik hawn interpretata;

F'kull kaz, jekk l-Awtorita` konvenuta, tramite l-ufficcjali taghha, riedet tassigura l-interess primarju tal-passiggier jew tat-turist dan ma kellhiex taghmlu b'diskapitu ta' l-interessi ekonomici ta' l-operatur tat-taxi li kien l-ewwel wiehed fuq il-venda. Fil-kontest, hi ghal kollox impreciza l-osservazzjoni tat-Tribunal illi l-attur gie sempliciment sostitwit ghaliex il-qaghda ma kienetx, oggettivament, hekk semplicistika, una volta l-attur ma tqieghedx ukoll fl-istess posizzjoni parifikatorja li kienet taghmel il-*voucher* li precedentement inghata fl-ammont ta' tmintax-il lira (Lm18);

Fil-presenza tal-provvediment imsemmi hu ghal kollox inawdit imbaghad l-argoment ventilat mill-Awtorita` konvenuta illi dan la kien jorbot lit-turist u lanqas lill-Awtorita` regolatorja. L-oppost hu proprju l-kaz. Kif gja abbondantement konsiderat, dak il-provvediment kien jorbot sew u fil-konkret lit-turist li ried jikri taxi li tkun go xi venda. Kompitu ta' l-Awtorita` kien dak imbaghad li tirrispetta u thares dak l-istess provvediment. Fil-minimu, li tassikura li l-operatur tat-taxi li kien l-ewwel fil-venda ma jbatix telf u pregudizzju bla bzonn.

**Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement, tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-Awtorita` konvenuta thallas lill-istess attur is-somma minn dan reklamata fl-Avviz tat-Talba. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-istess Awtorita` appellata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------